MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 79/2011

Kawza fil-lista: 22

**Y T**
**vs**
**P T**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) u minn dan iz-zwieg twieled il-minuri Q fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000); li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; li l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; li l-

kunsens tal-partijiet kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur; li l-partijiet, ghalkemm mhumiex interdetti jew morda b'mohhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg; illi, ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skont it-termini tal-artikolu 19 (1)1 (d) u/jew (f)f u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk qed titlob li din l-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null, u bla effett. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, baqa kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-hamsa (5) ta' Jannar, 2000 fit-termini tad-dispozzizjoni tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet iz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Jannar 2000 meta l-attrici, li hija ta' nazzjonalita' Egizjana, kellha 28 sena u l-konvenut 14-il sena aktar minnha, u cjoe 42 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena u nofs.  Il-hajja matrimonjali ghal bidu kienet normali imma wara bdiet tiltaqa' ma' problemi principalment ghax l-konvenut kien waqaf jahdem ghax kien wegga' fuq ix-xoghol. Rizultat ta' dawn il-problemi z-zwieg beda jiddeterjora; u wara konvivenza matrimonjali ta' circa sitt snin l-attrici telqghet mid-dar matrimonjali u sussegwentement sseparaw legalment.

L-att taz-zwieg kien issir konstantament, u minn dan iz-zwieg twieled tifel wara disa' xhur.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi meta l-partijiet dahlu ghaz-zwieg kellhom tmeinja u ghoxrin (28), u tnejn u erbghin (42) sena rispettivament u l-attrici kellha xoghol responsabbli waqt li l-konvenut kien dahal qabel ghal zwieg iehor li gie annullat.

Illi l-partijiet kienu jafu sewwa lil xulxin u kienu jafu ghal x'hiex dehlin; tant hu hekk li z-zewg partijiet jaqblu li kienu ddiskutew, qabel iz-zwieg, il-fatt li kienu jhaddnu religjon differenti u l-konvenut wieghed li jaqleb ghar-religjon Musulmana li fil-fatt ipprova jaghmel.

Illi l-attrici kienet konxja x'kienet qieghda taghmel dak inhar taz-zwieg ghalkemm tghid li  kienet qieghda thossha 'numb u qisni qeghda nghix f'holma' (fol. 22).

Illi kien hemm volonta' min-naha tat-tnejn u waqt li l-konvenut kien 'insista hafna sabiex nizzewgu', l-attrici hasset li 'ghal l-ewwel darba f'hajti kien hemm xi hadd li accettani kif jien u nista' nserrah mohhi li ser jiehu hsiebi' (fol. 21).

Illi l-hajja konjugali ghall-ewwel kienet normali  - skont l-attrici (fol. 22) 'ghal bidu P kien jikkomporta ruhha tajjeb mieghi u bdejt nidrah u xtaqt li jkompli jinbidel ghal ahjar' u dan jaqbel mieghu l-konvenut : 'konna tajjeb li konna mizzewgin u l-affarijiet kienu sew' (fol. 46);  ma kienx hemm problemi bl-att matrimonjali u fil-fatt twieled it-tifel disa' (9) xhur wara iz-zwieg.

Illi fil-mument tal-kunsens il-partijiet kienu jafu sewwa lil xulxin, kellhom il-volonta', il-hsieb, l-ghazla u decizjoni li rrizulta f'sitt (6) snin ta' hajja konjugali normali ; u kien biss wara dawn is-sitt (6) snin li nqalghu problemi li eventwalment kissru z-zwieg.

Il-kunsens tal-ebda parti ma kien vizzjat bl-ebda mod. Iz-zwieg tfarrak pero' ma kienx kawza ta' kunsens invalidu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------